# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 7 ta' Novembru 2016**

**Numru 2**

**Rikors numru 60/13 AF**

**Ben Hassine Ben Ali Wahid**

**v.**

**L-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Generali tar-Repubblika**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan huwa appell intavolat mill-attur appellant Ben Ali Wahid Ben Hassine minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-4 ta' Mejju, 2016, li permezz tagħha dik il-Qorti ddeċidiet il-kawża billi filwaqt li laqgħet l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati, ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent billi ddikkjarat li ma seħħet ebda leżjoni tad-

drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif sanċiti bl-Artikoli 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

**Ir-Rikors Promotorju tal-Attur**

**2.** Permezz tar-rikors promotorju tiegħu tas-7 ta' Awwissu, 2013, l-attur talab lil din il-Qorti:

- Tiddikjara li s-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mosbah Mohsen Ben Brahim u Ben Ali Wahid Ben Hassine** tal-21 ta' Frar 1992 tivvjola d-drittijiet fundamentali tiegħu senjatament l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u cioe` d-dritt tal-ħelsien mit-tortura u trattament inuman għar-raġunijiet fuq imsemmija.

- Tiddikjara li n-nuqqas ta' possibilita` ta' reviżjoni tas-sentenza tal-għomor il-ħabs b'mod raġonevoli tmur kontra d-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif ingħad fit-talba preċedenti;

- Konsegwentement tipprovdi rimedju.

**3.** Il-fatti miġjuba fir-rikors promotorju u li minnhom jilmenta l-attur huma kif ġej:

"*Illi fil-21 ta' Frar 1992 il-Qorti Kriminali sabet lill-esponenti ħati ta' diversi akkużi w ikkundannatu għal-piena ta' priġunerija għal għomru kif ukoll għal ħlas ta' nofs l-ispejjeż tal-perizji nvoluti.*

"*Illi fl-istess sentenza l-Onorabbli Qorti eżerċitat id-diskrezzjoni tagħha taħt l-Artikolu 493 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fejn irrakkomandat li l-perjodu minimu ta' inkarċerazzjoni għandu jkun dak ta' tnejn u għoxrin (22) sena. Tali rakkomandazzjoni ġiet mogħtija b'ittra lill-esponenti w konsegwentament ġiet miżmuma mill-awtoritajiet tal-ħabs. Tali awtoritajiet qegħdin jirrifjutaw li jirrilaxxaw din il-propjeta ta' l-esponenti mingħajr ebda raġuni valida.*

"*Illi l-esponenti ilu inkarċerat minn Frar ta' l-1988. Dan ifisser illi sal-ġurnata tal-lum l-esponenti ilu nkarċerat aktar minn ħamsa w għoxrin (25) sena.*

"*Illi sal-ġurnata tal-lum l-esponenti qatt ma ingħata xi tip ta' opportunita' li jikseb il-liberta.*

"*Illi n-nuqqas ta' prospett ta' ħelsien imur kontra d-Drittijiet Umani w dan minħabba l-fatt illi tali ikarċerazzjoni tammonta għal waħda inumana w dan hekk kif ritenut f'diversi okkażjonijiet mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Dan il-prospett ta' ħelsien irid ikun possibli kemm de jure w kif ukoll de facto. Fuq dan il-punt din l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza mogħtija minnha fl-ismijiet Vinter and Others v. The United Kingdom taħt il-paragrafu 119 tas-sentenza qalet hekk:*

> "*For the foregoing reasons, the Court considers that, in the context of a life sentence, Article 3 must be interpreted as requiring reducibility of the sentence, in the sense of a review which allows the domestic authorities to consider whether any changes in the life prisoner are so significant, and such progress towards rehabilitation has been made in the course of the sentence, as to mean that continued detention can no longer be justified on legitimate penological grounds."*

"*Illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza fuq ċitata irritjenit ukoll illi apparti li l-piena ta' għomor il-ħabs trid tkun de jure w de facto riduċibbli, l-Istat għandu wkoll ikollu fis-seħħ sistema ta' reviżjoni ta' din is-sentenza. Din il-Qorti ta' Strassburg irritjenit taħt il-paragrafu 120 tas-sentenza illi:*

> "*However, the Court would emphasise that, having regard to the margin of appreciation which must be accorded to Contracting States in the matters of criminal justice and sentencing (see paragraphs 104 and 105 above), it is not its task to prescribe the form (executive or*

> *judicial) which that review should take. For the same reason, it is not for the Court to determine when that review should take place. This being said, the Court would also observe that the comparative and international law materials before it show clear support for the institution of a dedicated mechanism guaranteeing a review no later than twenty-five years after the imposition of a life sentence, with further periodic reviews thereafter (see paragraphs 117 and 118 above)."*

"*Illi aktar minn hekk, f'din is-sentenza l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kompliet tisħaq taħt il-paragrafu 121 li:*

> "*It follows from this conclusion that, where domestic law does not provide for the possibility of such a review, a whole life sentence will not measure up to the standards of Article 3 of the Convention."*

"*Illi l-esponenti għandu jiġi avżat b'tali reviżjoni w bir-rekwiżiti għal ħelsien minn meta jibda' jiskonta s-sentenza w dan hekk kif saħqet il-Qorti ta' Strassburg fil-paragrafu 122 tas-sentenza fuq ċitata:*

> "*A whole life prisoner is entitled to know, at the outset of his sentence, what he must do to be considered for release and under what conditions, including when a review of his sentence will take place or may be sought. Consequently, where domestic law does not provide any mechanism or possibility for review of a whole life sentence, the incompatibility with Article 3 on this ground already arises at the moment of the imposition of the whole life sentence and not at a later stage of incarceration.*

"*Illi l-esponenti ma għandux possibilta ta' tnaqqis tal-piena kemm de facto w kemm de jure.*

"*Illi l-Istat Malti ma għandux sistema ta' evaluazzjoni fejn persuna kkundannata għal għomorha l-ħabs jista' jkollha r-reviżjoni tal-piena.*

"*Illi wara dan iż-żmien kollu ta' inkarċerazzjoni, speċjalment wara li t-tnejn u għoxrin sena ta' inkarċerazzjoni li ġiet irrakomandata mill-Qorti Kriminali taħt l-artikolu 493 tal-Kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta fis-sentenza oriġinali w wara l-ħamsa w għoxrin sena ta' inkarċerazzjoni rrakomandata mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ġew maqbuża, l-inkarċerazzjoni tal-esponenti tista' tibqa sseħħ biss fil-każ illi huwa jibqa' kkonsidrat ta' periklu għas-soċjeta. Naturalment din l-evaluazzjoni trid issir minn xi tip ta' bord li huwa independenti w kompost minn esperti għal dan il-għan bħal per eżempju l-Bord tal-Parowl.*

"*Illi illum il-ġurnata wara aktar minn kwart ta' ċentinarju inkarċerat l-esponenti m'huwiex ta' theddida għas-soċjeta w b'hekk għandu jingħata possibilta ta' ħelsien*".

## Ir-Risposta Ġuramentata tal-Prim Ministru u tal-Avukat Ġenerali

**4.** Permezz tar-risposta tagħhom tat-30 ta' Awwissu, 2013, il-Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali talbu lil din il-Qorti tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti, salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ, bl-ispejjeż.

**5.** Fir-risposta tagħhom, il-Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali eċċepiew is-segwenti:

> "*Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrenti qiegħed jillamenta 'li s-sentenza mogħtija fil-konfront tar-rikorrenti fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mosbah Mohsen Ben Brahim u Ben Ali Wahid Ben Hassine" tal-21 ta' Frar 1992 tivvjola d-drittijiet fundamentali tiegħu senjatament l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali w ċioe' d-dritt tal-ħelsien mit-tortura u trattament inuman għar-raġunijiet fuq imsemmija'. Ir-rikorrenti qed jillamenta wkoll illi "n-nuqqas ta' possibilita` ta' reviżjoni tas-sentenza tal-għomor il-habs b'mod raġonevoli tmur kontra d-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif ingħad fit-talba preċedenti.'*
>
> "*Illi l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti bħala kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti:*
>
> "*1. Illi preliminarjament, il-Prim Ministru mhuwiex il-leġittimu kontradittur ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta);*
>
> "*2. Illi mingħajr preġudizzju u fil-mertu, il-fatt li permezz tas-sentenza tal-21 ta' Frar 1992 fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mosbah Mohsen Ben Brahim u Ben Ali Wahid Ben Hassine' ġiet inflitta fuq ir-rikorrenti sentenza ta' għomor ħabs ma jfissirx li tali sentenza tivvjola d-drittijiet fundamentali sanċiti permezz ta' l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea. Dan qalitu l-Grand Chamber fid-9 ta' Lulju 2013 fis-sentenza kwotata mir-rikorrenti ta' Vinter and Others v. The United Kingdom fejn ġie osservat illi 'For the same reasons, Contracting States must also remain free to impose life sentences on adult offenders for especially serious crimes such as murder: the imposition of such a sentence on an adult offender is not in itself prohibited by or incompatible with Article 3 or any other Article of the Convention (See Kafkaris, cited*

*above, § 97). This is particularly so when such a sentence is not mandatory but is imposed by an independent judge after he or she has considered all the mitigating and aggravating factors which are present in any given case.'*

"*3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-fatt li r-rikorrenti qiegħed jiskonta piena ta' għomor priġunerija mingħajr il-possibilita` ta' rilaxx ma jfissirx illi b'mod awtomatiku r-rikorrenti qed jiġi assoġġettat għal tortura jew trattament inuman. Illi dan huwa prinċipju ġenerali stabbilit mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem illi effettivament joħroġ ukoll mis-sentenza li l-istess rikorrenti jagħmel riferenza għaliha fir-rikors promotur. Illi s-sistema legali nostrana tipprovdi mekkaniżmu li permezz tiegħu sentenzi ta' għomor ħabs jistgħu jiġu ridotti.*

"*L-esponenti jissottomettu li l-piena ta' għomor ħabs tiġi nflitta f'dawk il-każijiet fejn il-kwalita' tar-reat jirrikjedi li s-soċjeta' tingħata messaġġ li dawn il-kwalita' ta' reati ma jistgħux jiġu tollerati jew kondonati bl-ebda mod. Illi l-każ tar-rikorrenti li għalih ingħata l-piena ta' għomor ħabs kien każ ta' qtil ta' erba' persuni li sar fuq medda ta' ftit ġranet, il-mod kif ġew maqtula dawn il-persuni kienet mewta attroċi u kiefra. In fatti, l-ewwel persuna li nqatlet inqatlet bi ħruxija liema bħala u dan għall-ammont miżeru ta' Lm 47 (ċirca mitt Ewro). Illi t-tieni vittma ġiet ingannata mir-rikorrenti fejn sabiex il-vittma ma tagħmilx reżistenza ngħatat ikel u nqatlet b'tir f'rasha u l-kadavru ntefa' l-baħar b'mażra sabiex jittenta jiddisponi mill-istess kadavru u dan sabiex tiġi misruża l-vittma li kull ma kellha flus fuqha kienu Lm 33 (ċirca sebgħin Ewro). Illi t-tielet vittma tar-rikorrenti kien xufier tat-taxi li nqatel b'tir f'rasu, fejn ir-rikorrenti pprova jaqta' r-ras tal-vittma u meta ma rnexxilux kompletament farrak wiċċ il-vittma b'ġebla sabiex ma tintarafx u fl-aħħar għatta l-katavru bil-ġebel u dan sabiex jisraq minn fuq il-vittma Lm 180 (ċirca erba' mitt Ewro). Illi r-raba' vittma kien ukoll xufier tat-taxi li nqatel b'tir f'rasu sabiex jinsteraq minn fuq il-persuna tiegħu l-ammont ta' Lm 31 (ċirca sebgħin Ewro). Illi dan il-qtil kien kexkex lil Malta tant hu hekk li n-nies kienu qed jibżgħu joħorġu minn darhom u li ħoloq paniku kbira fil-pubbliku in ġenerali.*

"*Illi huwa inawdit li l-istess rikorrenti wara li ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu u wara li ngħata s-sentenza ta' għomor ħabs jqajjem tali lanjanza u dan tenut ukoll l-insenjament tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-istess rikorrenti jiċċita fir-rikors promotur. L-esponenti jissottomettu li huwa obbligu tal-Istat liema obbligu jemana mill-Konvenzjoni li jorbot lill-Istati Kontraenti sabiex jadotta miżuri għal għan aħħari li jipproteġi lis-soċjeta' minn reati vjolenti aktar u aktar meta jkunu serjali. Illi fil-każ odjern tenut kont tal-kwalita' tar-reati (omiċidju volontarju ta' erba' persuni f'temp ta' tmintax-il ġurnata) kif ukoll peress li fil-każ odjern hemm involut riskju kif ukoll il-periklu imminenti u reali lis-soċjeta', isegwi għalhekk li r-rikorrenti ma jistax jillamenta li huwa qed jiġi assoġġettat għal trattament inuman jew tortura.*

"*Illi s-sentenza tal-Qorti Kriminali fejn ir-rikorrenti ġie kkundannat għal sentenza ta' għomor ħabs tħares il-bilanċ bejn l-interessi nvoluti f'dan il-każ u cioe' l-interess tar-rikorrenti bħala persuna li qed tiskonta sentenza ta' priġunerija u dawk tas-soċjeta'. Illi l-Qorti Ewropea qatt ma kkonkludiet li Stati għandhom jirrilaxxaw priġuneri abbażi tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni. L-esponenti jissottomettu li l-mod kif ġew kommessi r-reati mir-rikorrenti u t-tip ta' reati kommessi juri r-riskju serju li r-rikorrenti huwa għas-soċjeta' u l-pubbliku in ġenerali.*

"*L-esponenti jissottomettu illi skont il-ġurisprudenza kopjuż tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem 'inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes sever mental and physical suffering.' Fil-każ* ***Tekin v. Turkey*** *deċiż fit-9 ta' Ġunju 1998, ġie osservat illi t-trattament jitqies inuman meta jkun maħsub minn qabel u ppremeditat biex jikkaġuna 'intense physical and mental suffering.'*

"*L-esponenti jissottomettu illi għar-rigward ta' trattament degradanti, dan jitqies li jirreferi għal dak it-trattament li jġiegħel lil dak li jkun tikisser ir-reżistenza kemm fiżika u morali tal-vittma jew li jġiegħel lill-vittma li taġixxi kontra l-volonta' tagħha. Fil-każ* ***Ranninen v. Finland*** *deċiż mill-Qorti Ewropea fis-16 ta' Diċembru 1997 ġie osservat illi 'in considering whether a punishment or treatment is "degrading" within the meaning of Article 3, regard should be had as to whether its object is to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a matter incompatible with Article 3.'*

"*Illi l-esponenti jissottomettu li l-lanjanzi mqajjma mir-rikorrenti ma jsibu l-ebda konfort kemm fil-liġi nostrana u lanqas fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.*

"*Isegwi għalhekk li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda.*

"*4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

"*5. Bl-ispejjeż*".

**6.** Rat l-atti proċesswali kollha u d-dokumenti li ġew esebiti mill-partijiet, inkluża n-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-attur kif ukoll in-nota responsiva tal-konvenuti.

**7.** Rat is-sentenza tal-ewwel Qorti tal-4 ta' Mejju, 2016, li biha filwaqt li laqgħet l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati, ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent billi ddikjarat li ma seħħet ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif sanċiti bl-Artikoli 36 u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, bl-ispejjeż jitħallsu mir-rikorrent.

## Konsiderazzjonijiet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali)

**8.** Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) għas-sentenza tagħha tal-4 ta' Mejju, 2016 kienu s-segwenti:

> "*Ikkunsidrat:*
>
> "*Illi permezz ta' dawn il-proċeduri r-rikorrent qiegħed jitlob lil din il-Qorti ssib illi s-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fil-konfront tiegħu fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs Mosbah Mohsen Ben Brahim u Ben Ali Wahid Ben Hassine tal-21 ta' Frar 1992 kif ukoll in-nuqqas ta' possibilita` ta' reviżjoni ta' din is-sentenza li permezz tagħha r-rikorrent ġie kkundannat għal għomru l-ħabs jilledu d-drittijiet fundamentali tiegħu senjatament l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.*
>
> "*... [omissis]*
>
> "*Illi fil-mertu, jirriżulta li r-rikorrent qiegħed jilmenta minn ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif sanċiti mill-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u dan in kwantu li huwa jgħid illi m'għandux prospett ta' ħelsien u li ma teżistix sistema ta' reviżjoni ta' piena fejn il-piena tkun dik ta' għomor il-ħabs.*
>
> "*Illi il-fatti rilevanti huma dawn. Permezz ta' sentenza tal-Qorti Kriminali tal-21 ta' Frar 1992 fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs*

*Mosbah Mohsen Ben Brahim u Ben Ali Wahid Ben Hassine ir-rikorrent ġie kkundannat għal għomru l-ħabs wara li huwa ammetta l-akkużi miġjuba kontrih. L-aktar akkużi serji miġjuba kontra r-rikorrent u li għalihom ġie kkundannat għall-għomru l-ħabs kienu l-omiċidju volontarju ta' erba' persuni.*

"*L-artikolu 211 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li:*

> " *"Kull min jinsab ħati ta' omiċidju volontarju jeħel piena ta' priġunerija għal għomru."*

"*Jirriżulta wkoll illi l-Qorti eżerċitat id-diskrezzjoni lilha mogħtija skont l-artikolu 493 tal-Kap. 9 u permezz ta' ittra datata 21 ta' Frar 1992 (fol. 24 tal-proċess), l-Imhallef sedenti rrakkomanda lill-Prim Ministru illi:*

> " *"fil-każ tal-akkużat Ben Ali Ben Hassine, il-perjodu minimu li għandu jgħaddi qabel ma l-priġunier jiġi meħlus mill-ħabs għandu jkun ta' mhux inqas minn tnejn u għoxrin sena."*

"*Illi l-artikolu 493 tal-Kap. 9 jipprovdi li:*

> " *"Wara li tikkundanna persuna għall-piena ta' priġunerija għall-għomor, il-qorti tista' tirrakkomanda bil-miktub lill-Prim Ministru fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa l-inqas żmien li fil-fehma tagħha għandu jgħaddi qabel ma l-priġunier jiġi meħlus mill-ħabs. Din ir-rakkomandazzjoni tkun tista' taraha l-persuna li tkun ġiet ikkundannata, u kopja tagħha tinżamm mir-reġistratur.*"

"*Illi l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdu li ebda persuna ma għandha tiġi assoġġettata għal tortura jew għal piena jew trattament inuman jew degradanti. Dawn l-artikoli jittrattaw tipi differenti ta' imġieba projbita li kull waħda minnhom tirrifletti grad ta' severita' wieħed ikbar mill-ieħor. L-artikolu 3 tal-Konvenzjoni jsemmi t-tortura, it-trattament inuman u t-trattament degradanti waqt li l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jsemmi biss it-trattament inuman u degradanti. Dan ma jfissirx li ma hemmx protezzjoni minn tortura taħt l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni għaliex it-tortura ċertament dejjem u f'kull każ tammonta tal-inqas għal trattament inuman u degradanti (Alfred Degiorgio et vs. Avukat Ġenerali et, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' April 2013)*".

**9.** F'dan l-istadju l-ewwel Qorti għaddiet sabiex tagħmel rassenja tas-sentenzi ta' din il-Qorti u tal-Qorti fi Strasburgu u tad-duttrina dwar il-prinċipji li jemerġu mill-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u mill-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u wara għaddiet biex tikkonsidra l-iżviluppi li seħħew fil-

ġurisprudenza tal-Qorti fi Strasburgu b'referenza partikolari għall-piena ta' priġunerija għall-għomor u għamlet analiżi tas-sentenzi **Kafkaris v. Cyprus**[1], **Vinter and Others v. The United Kingdom**[2], u **Hutchinson v. The United Kingdom**[3]. Imbgħad issoktat tgħid:

> "*Illi meħudin dawn il-prinċipji għal każ illi għandha quddiemha l-Qorti llum, jiġi osservat illi l-pożizzjoni nostrana tixbah dik ta' Ċipru kif ġie spjegat fil-każ ta' Kafkaris surriferit.*
>
> "*Illi artikolu 93(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li:*
>
> "*(1) Il-President ikollu s-setgħa li –*
>
> "*(a) jagħti lil xi persuna li jkollha x'taqsam fi jew tkun ġiet misjuba ħatja ta' xi reat maħfra, sew ħielsa jew suġġetta għal kondizzjonijiet skont il-liġi;*
>
> "*(b) jagħti lil xi persuna sospensjoni, sew indefinita jew għal perijodu speċifikat, dwar l-esekuzzjoni ta' xi kundanna mogħtija lil dik il-persuna għal xi reat;*
>
> "*(ċ) jissostitwixxi forma ta' piena anqas ħarxa minflok xi piena imposta fuq xi persuna għal xi reat; jew*
>
> "*(d) jaħfer fl-intier tagħha jew f'parti minnha kull kundanna mogħtija lil xi persuna għal reat jew għal xi penali jew konfiska li xort'oħra tkun dovuta lill-Istat minħabba f'xi reat.*
>
> "*Illi l-hekk imsejħa prerogattiva ta' maħfra tista' tiġi mogħtija mill-President tar-Repubblika u dan skont il-parir tal-Kabinett jew Ministru li jaġixxi skont l-awtorita' ġenerali tal-Kabinett (artikolu 85 tal-Kostituzzjoni). Ma nġibet ebda prova fil-każ odjern illi r-rikorrent għamel talba għal reduzzjoni jew reviżjoni tal-piena li qiegħed jiskonta, kif għandu dritt illi jagħmel skont l-artikolu tal-Kostituzzjoni msemmi.*
>
> "*Illi b'żieda ma dan u kif diġa intqal aktar 'l fuq, jirriżulta li l-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha fil-konfront tar-rikorrent, eżerċitat id-diskrezzjoni lilha mogħtija skont l-artikolu 493 tal-Kap. 9 u permezz ta' ittra datata 21 ta' Frar 1992 (fol. 24 tal-proċess), l-imħallef sedenti rrakkomanda lill-Prim Ministru illi:*

[1] ECHR, *Grand Chamber* 12/2/2008
[2] ECHR, *Grand Chamber* 9/7/2013
[3] ECHR, 3/2/2015 li ġiet riferuta lill-*Grand Chamber*

*" "fil-każ tal-akkużat Ben Ali Ben Hassine, il-perjodu minimu li għandu jgħaddi qabel ma l-priġunier jiġi meħlus mill-ħabs għandu jkun ta' mhux inqas minn tnejn u għoxrin sena."*

"*Illi fis-sottomossjonijiet tagħhom, l-intimati jagħmlu riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs. Andy Calleja, deċiża fid-9 ta' Ġunju 2005 fejn il-Qorti qalet hekk:*

*" "Mill-banda l-oħra, din il-Qorti tifhem li l-appellant jista' verament, maż-żmien, jirriforma ruħhu u għandu jkollu l-possibilita` li xi darba – dment dejjem li juri li ma huwiex aktar ta' perikolu għas-soċjeta' – jerġa jidħhol fis-soċjeta'. Pero' hawn qed nitkellmu dwar xi ħaġa li tista' tavvera ruħha fil-futur daqs kemm tista' ma tavverax ruħha, u għalhekk għandha titħalla biex tiġi regolata bil-prerogattiva tal-maħfra tal-President. Biex, pero', jiġi faċilitat, jekk ikun il-każ, l-eżerċizzju ta' tali prerogattiva, din il-Qorti sejra tipproċedi skond l-Artikoli 493 u 494 tal-Kodiċi Kriminali."*

"*Illi wara li kkunsidrat il-prinċipji enunċjati fid-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea suċitati kif ukoll dawk tal-Qrati Tagħna, il-Qorti hija tal-fehma illi ma seħħet ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti fil-każ odjern. Jibda biex jingħad illi ma ġiex muri kif is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-21 ta' Frar 1992 tivvjolja d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent. Ir-rikorrent ġie kkundannat għal għomru l-ħabs wara li ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu, senjatament l-omiċidju volontarju ta' erbgħa persuni u għaldaqstant, din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fis-sentenza tal-Qorti Kriminali imsemmija. F'dan is-sens terġa ssir riferenza għall-każ ta' Winter and Others suċitat fejn intqal hekk:*

*" "Contracting states must also remain free to impose life sentences on adult offenders for especially serious crimes such as murder: the imposition of such a sentence on an adult offender is not in itself prohibited or incompatible with Article 3 or any other Article of the Convention."*

"*Illi fir-rigward tal-allegat nuqqas ta' possibilita` ta' reviżjoni tal-piena ta' għomor il-ħabs, kif sabet il-Qorti Ewropea fil-każ ta' Kafkaris imsemmi, mhuwiex minnu li l-piena ta' għomor il-ħabs kif applikata f'pajjiżna tmur kontra l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni jew kontra l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni in kwantu li bħal każ ta' Kafkaris, ir-rikorrent dejjem kellu u għad għandu dritt illi jagħmel talba taħt l-artikolu 93 tal-Kostituzzjoni msemmi. Li qatt ma għamel din it-talba kienet deċiżjoni tiegħu u ma jistax jilmenta quddiem din il-Qorti li m'għandu ebda prospett illi jiġi rilaxxat anke jekk jiġi muri li rriforma ruħu. L-artikolu 93 tal-Kostituzzjoni lanqas jiprovdi għall-żmien speċifikat meta tista' ssir din it-talba għall-maħfra jew reduzzjoni tal-piena b'mod illi kull persuna tħoss illi hija ġustifikata t-talba tagħha tista' tagħmilha fi kwalunkwe żmien illi tkun qiegħda tiskonta s-sentenza. B'żieda ma dan, hija stabbilita fil-ġurisprudenza tal-Qrati Kriminali tagħna li f'każijiet illi l-Qorti tħoss illi hemm il-possibilita` li l-persuna kkundannata tkun irriformat ruħha fil-futur, l-istess Qorti tista' tapplika l-provedimenti tal-*

*artikolu 493 u 494 tal-Kodiċi Kriminali sabiex jiffaċilita l-possibilita` ta' rilaxx fil-futur. Hekk fil-fatt ġara fil-każ odjern.*

"*Illi l-fatt illi għaddew in-numru minimu ta' snin hekk rakkomandati mill-Qorti illi r-rikorrent għandu jagħmel inkarċerat ma jfissirx illi huwa għandu dritt awtomatiku li jiġi rilaxxat. Fi kwalunkwe każ, ma ġiex muri mir-rikorrent illi abbażi tal-artikolu 93 tal-Kostituzzjoni meħud mar-rakkomandazzjoni li saret skont l-artikolu 493 tal-Kodiċi Kriminali, huwa xorta waħda m'għandux dritt illi tiġi rikunsidrata u riveduta l-piena li huwa qiegħed jiskonta.*

"*Fil-każ ta' Winter and Others suċitat, jirriżulta li l-Qorti Ewropea waslet għall-konklużjoni li kien hemm leżjoni tad-drittijiet fundamentali tal-applikanti in kwantu li l-liġi Ingliża ma kinitx ċara dwar l-applikazzjoni tad-dritt ta' reviżjoni ta' piena ta' għomor il-ħabs kif ukoll minħabba l-fatt illi donnu l-liġi Ingliża kienet tippermetti rilaxx biss f'każ illi l-applikant kien qiegħed imut b'marda terminali jew ikun aflitt minn xi inkapaċita fiżika u għaldaqstant, jekk jiġi muri li ma jkunx ta' periklu għas-soċjeta', fost kundizzjonijiet oħra, seta' jitlob biss illi ma jmutx il-ħabs. Dan ix-xenarju huwa differenti minn dak li nsibu fis-sistema tagħna fejn il-President mhux marbut b'dawn l-kundizzjonijiet restrittivi. B'żieda ma dan u kif tagħmilha ċara fid-deċiżjonijiet tagħha il-Qorti Ewropea, il-fatt illi applikant għandu dritt jitlob li l-piena ta' għomor il-ħabs illi huwa jkun qiegħed jiskonta tiġi riveduta ma jfissirx illi din it-talba ser tintlaqa' awtomatikament. Dan anke jekk jgħaddi żmien rakkomandat skont l-artikolu 493 tal-Kodiċi Kriminali, liema artikolu iservi proprju sabiex tiġi faċilitata talba skont l-artikolu 93 tal-Kostituzzjoni.*

"*Illi finalment, kif qalet il-Qorti Ewropea fil-każ ta' Winter and Others suċitat:*

> " *"It is well-established in the Court's case-law that a State's choice of a specific criminal justice system, including sentence review and release arrangements, is in principle outside the scope of the supervision the Court carries out at a European level, provided that the system does not contravene the principles set forth in the convention."*

"*In kwantu li ġie muri li fis-sistema legali nostrana teżisti l-possibilita` li piena ta' għomor il-ħabs tiġi riveduta skont il-provedimenti ta' artikolu 93 tal-Kostituzzjoni kif ingħad, il-Qorti ssib li ma seħħet ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif sanċiti bl-artikoli 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem in kwantu li ma jirriżultax illi l-piena li qiegħed jiskonta r-rikorrent tammonta għall-piena inumana jew degradanti*".

**Rikors tal-Appell tal-Attur Appellant**

**10.** L-attur appellant ħass ruħu aggravat bis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tal-4 ta' Mejju 2016, u b'rikors tat-23 ta' Mejju 2015 intavola l-appell odjern minn dik is-sentenza.

**11.** Permezz tal-appell tiegħu, għar-raġunijiet mogħtija fir-rikors tal-appell tiegħu, l-attur appellant, talab li din il-Qorti tħassar u tirriforma s-sentenza appellata in kwantu laqgħet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, caħdet it-talbiet kollha attriċi u ordnat li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-attur, billi tilqa' t-talbiet tal-attur u fl-istess waqt tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.

**12.** L-aggravji li ressaq l-attur appellant huma sostanzjalment erbgħa u jikkonsistu fis-segwenti:

- **<u>L-Ewwel Aggravju</u>**: L-ewwel Qorti ma jmisshiex għamlet referenza u bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq sentenza ta' każ li mhux *res judicata* u li preżentement tinsab għas-sentenza quddiem il-*Grand Chamber*.

- **<u>It-Tieni Aggravju</u>**: L-ewwel Qorti naqset milli tieħu konjizzjoni ta' ġurisprudenza riċenti qabel ma' waslet għall-konklużjoni tagħha li ma kien hemm l-ebda leżjoni tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea.

- **<u>It-Tielet Aggravju:</u>** L-ewwel Qorti ma jmisshiex iddeċidiet li l-maħfra Presidenzjali tipprovdi mekkaniżmu adekwat għar-reviżjoni tas-sentenza ta' għomor il-ħabs.

- **<u>Ir-Raba' Aggravju:</u>** L-ewwel Qorti naqset milli tieħu konjizzjoni tal-insenjament tal-Knisja Kattolika Appostolika Rumana.

**<u>Risposta tal-Appell tal-Konvenut Appellat</u>**

**13.** Permezz tar-risposta tal-appell tiegħu tat-2 ta' Ġunju 2016, l-appellat Avukat Ġenerali wieġeb għall-appell tal-attur u talab li din il-Qorti tiċħad l-appell tal-attur appellant, tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġt istanzi kontra l-attur appellant.

**14.** Fil-qosor, is-sottomissjonijiet prinċipali tal-konvenut appellat huma s-segwenti:

- Is-sentenza tal-ewwel Qorti għaddiet in ġudikat fil-konfront tal-Prim Ministru;

- **Fir-rigward tal-ewwel aggravju** tal-appellant, il-konvenut appellat isostni illi mhuwiex minnu li l-ewwel Qorti bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq il-każ ta' **Hutchinson v. The United Kingdom** iżda bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq is-sentenza ta' **Kafkaris v. Cyprus**;

- **Fir-rigward tat-tieni aggravju** tal-appellant, il-konvenut appellat jargumenta illi kienet korretta l-ewwel Qorti fl-analiżi li għamlet tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea u l-prinċipji li ħarġu minn tali ġurisprudenza;

- **Fir-rigward tat-tielet aggravju** tal-attur appellant, il-konvenut appellat jargumenta illi piena ta' għomor il-ħabs ma tiġix ikkonsidrata li hija inkompatibbli mal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea u mal-ġurisprudenza mogħtija mill-Qorti Ewropea meta:

    - Dik il-persuna għandha l-possibilita` li titħalla toħroġ mill-ħabs fuq "*prison leave*" u lanqas biss titlob għall-ebda "*prison leave*";

    - Hemm il-possibilita` ta' maħfra sanċita fil-Kostituzzjoni ta' Malta u l-attur appellant ma ressaq l-ebda prova li huwa rrikorra għal dak il-mekkaniżmu ta' maħfra;

- o Hemm il-possibilita` ta' riduzzjoni fil-każ ta' piena ta' għomor ħabs.[4]

- **Fir-rigward tar-raba' aggravju** tal-appellant, il-konvenut appellat jissottometti li l-ewwel Qorti ħadet konjizzjoni ta' dak kollu li Qorti ta' ġustizzja kellha tieħu – il-liġi, il-garanziji naxxenti mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem u l-interpretazzjoni ta' dawn mogħtija mill-Qorti Ewropea.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

**15.** Qabel xejn din il-Qorti tirrileva li għalkemm fir-rikors tal-appell l-appellant jitlob li din il-Qorti "tħassar u tirriforma s-sentenza appellata" u li "fl-istess waqt tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut" l-istess appellant ma ssolleva ebda aggravju dwar il-fatt li l-ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tal-appellati tal-illeġittimita` passiva tal-Prim Ministru u għalhekk dan hu suffiċjenti sabiex jiġi miċħud l-appell tal-atturi appellanti sa fejn dan jista' jitqies li jippretendi li japella wkoll minn din il-parti tas-sentenza appellata[5]

---

[4] Din ir-riduzzjoni kienet possibbli permezz tal-ittra li kienet inħarġet mill-Imħallef li kien ippresjeda l-ġuri tal-attur appellant fejn ġie indikat li in virtu tad-diskrezzjoni mħollija mill-Qorti Kriminali bl-Artikolu 493 tal-Kodiċi Kriminali l-Imħallef irrakkomanda li fil-każ tal-appellant l-perjodu minimu li għandu jgħaddi qabel ma jinħeles huwa l-perjodu ta' tnejn u għoxrin sena.

[5] Ara Q. Kost. **Darryl Luke Borg v. Avukat Ġenerali et**, 29/5/2015, #49; Q. Kost. **Rosaria Schembri et v. Avukat Ġenerali et** 6/4/2006; Q. Kos. **Lay Lay Co. Ltd. V. Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et** 25/2/2011; Q. App. **Francis Mizzi et v. Rose Ann Galea**, 2/5/2016, #79

*L-ewwel aggravju tal-attur appellant*

**16.** Permezz ta' l-ewwel aggravju tiegħu, l-attur appellant isostni li l-ewwel Qorti ma jmesshiex ibbażat id-deċiżjoni tagħha fuq is-sentenza **Hutchinson v. United Kingdom** li għadha ma hiex finali għaliex għadha pendenti quddiem il-*Grand Chamber* waqt li l-konvenut appellat jirribatti li għalkemm l-ewwel Qorti rreferiet għas-sentenza msemmija hija għamlet dan bil-konsapevolezza li dik is-sentenza kienet għadha quddiem il-*Grand Chamber* u għalhekk minflok straħet fuq id-deċiżjoni ta' **Kafkaris v. Cyprus**.

**17.** Dan l-ewwel aggravju tal-attur appellant huwa wieħed fieragħ u vessatorju u dan għaliex kjarament ma kien hemm xejn li jipprekludi lill-ewwel Qorti milli tinvoka l-insenjament fil-każ **Hutchinson** jekk dak l-insenjament l-ewwel Qorti sabitu perswasiv, u dan minkejja li l-ewwel Qorti kienet ben konxja li dina s-sentenza ġiet riferuta lill-*Grand Chamber*.[6]

**18.** Jista' jiżdied, għalkemm ma hemmx għalfejn, li l-ewwel Qorti ma straħetx unikament fuq is-sentenza ta' **Hutchinson** iżda kkonsidrat diversi sentenzi oħrajn, kemm dawk mogħtija mill-Qorti Ewropea kif ukoll dawk mogħtija minn Qrati Maltin, qabel ma waslet għall-konklużjoni tagħha. Dawn is-sentenzi jinkludu is-sentenzi fl-ismijiet

[6] Ara pagna 16 ta' sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti osservat li l-kaz kien ġie riferut lill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea fl-1 ta' Gunju 2015 u li għaldaqstant il-każ ma kienx finali.

**Alfred Degiorgio et v. Avukat Ġenerali et**, **Peers v. Greece**, **Vinter and Others v. The United Kingdom**, **Kafkaris v. Cyprus**, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Andy Calleja**. L-ewwel Qorti għamlet ukoll referenza għall-ktieb ta' Fawcett - "*The Application of the European Convention on Human Rights*" (Edizzjoni 1987).

**19.** Għaldaqstant dan l-ewwel aggravju tal-attur appellant qed jiġi miċħud.

*<u>Ir-raba' aggravju</u>*

**20.** Permezz tar-raba' aggravju tiegħu, l-attur appellant isostni illi l-ewwel Qorti naqset milli tieħu konjizzjoni tal-insenjament tal-Knisja Kattolika Appostolika Rumana u jinvoka l-Artikolu 2 tal-Kostituzzjoni in sostenn ta' dan l-aggravju billi jargumenta li l-effett ta' dan l-artikolu huwa dak li jiddetta li l-morali pubblika għandha tkun dik tal-Knisja Kattolika Appostolika Rumana.

**21.** Dan ir-raba' aggravju tal-attur appellant huwa wkoll fieragħ u vessatorju. L-Artikolu 2 tal-Kostituzzjoni ma huwiex għajn ta' drittijiet soġġettivi iżda jagħti rikonoxximent ġuridiku lil stat ta' fatt storiku u ċioè li r-Reliġjon Kattolika Appostolika Rumana hija dik imħaddna mill-maġġoranza kbira tal-poplu Malti. L-Istat ta' Malta, iżda, skont il-Kostituzzjoni ma hux fondat fuq ir-Reliġjon imsemmija iżda hu bażat fuq

il-prinċipju tad-demokrazija u fuq ix-xogħol u r-rispett tad-drittijiet fundamentali.[7] Waqt li t-tagħlim tar-Reliġjon Kattolika indubbjament kien għajn ta' ispirazzoni qawwija għal-leġislatur Malti matul iż-żminijiet il-pedament tal-ordinament ġuridiku tal-Istat Malti huma d-demokrazija, ix-xogħol u d-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif imfissra awtorevolment minn din il-Qorti mdawwla mill-insenjament ta' dawk l-entitajiet internazzjonali mwaqqfa sabiex jissorveljaw l-implimentazzjoni tal-obbligi li Malta assumiet taħt trattati u konvenzjonijiet internazzjonali, fosthom il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Għalhekk, waqt li ċertament tapprezza u tirrispetta bil-kbir it-tagħlim tar-Religjon Kattolika, anke proprju għaliex din hi rikonoxxuta mill-Kostituzzjoni bħala r-religjon ta' Malta, din il-Qorti ma hiex marbuta fir-rwol ġudizzjarju tagħha b'dak mgħallem mill-istess Reliġjon mentri għandha taqdi l-funzjoni tagħha skont l-ordni ġuridiku Malti u l-obbligi internazzjonali assunti mill-Istat ta' Malta.

**22.** Għalkemm ir-Reliġjon ta' Malta hija r-Reliġjon Kattolika Appostolika Rumana, f'dawn il-proċeduri din il-Qorti hi msejħa li tiddeċiedi mhux hemmx ksur tal-Artikolu 2 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u ċioe` jekk il-piena ta' priġunerija għall-għomor tmurx kontra t-tagħlim tar-Reliġjon Kattolika, iżda hemmx ksur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni; u ċioe` jekk il-fatt li r-rikkorent ġie kundannat għall-piena ta' priġunerija għall-għomor, allegatament

[7] Artikolu 1 tal-Kostituzzjoni.

mingħajr possibilita` ta' reviżjoni jew riduzzjoni, jammontax għal leżjoni tad-dritt fundamentali għall-protezzjoni minn tortura jew trattament inuman jew degradanti.

**23.** Għaldaqstant dan l-aggravju tal-attur appellant huwa infondat u qed jiġi miċħud.

*<u>It-tieni u t-tielet aggravju tal-attur appellant</u>*

**24.** Peress li t-tieni u t-tielet aggravji tal-appellant huma intimament konnessi ma' xulxin dawn ser jiġu trattati flimkien.

**25.** Permezz tat-tieni aggravju tiegħu, l-attur appellant isostni li l-ewwel Qorti naqset milli tieħu konjizzjoni ta' ġurisprudenza riċenti u straħet primarjament fuq is-sentenza ta' **Kafkaris** meta skont l-appellant mis-sena 2008 sal-lum saru diversi żviluppi konsiderevoli fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea u tal-Qrati ta' pajjiżi Ewropej b'uħud jiddeċiedu direttament kontra d-deċiżjoni mogħtija f'**Kafkaris**. F'dan il-kuntest l-appellant jagħmel riferenza għas-sentenza tal-Qorti Federali Kostituzzjonali Ġermaniża fl-ismijiet **B v. R** deċiża fis-16 ta' Jannar 2010 fejn ġie deċiż illi sentenza irriduċibbli kienet meqjusa bħala krudili, inumana u degredanti. Minn barra dan, din il-Qorti Ġermaniża sabet li maħfra presidenzjali kienet inċerta u arbitrarja u b'hekk ma kenitx tirrispetta d-dinjita` u d-drittijiet inaljenabbli derivati mill-prinċipji tal-iStat

tad-Dritt u b'hekk ma kenitx adekwata sabiex isservi bħala mekkaniżmu ta' reviżjoni tas-sentenza ta' għomor il-ħabs.

**26.** Inoltre, l-appellant jagħmel ukoll riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Trabelsi v. Belgium** deċiża fl-4 ta' Settembru 2014 u kkonfermata mill-*Grand Chamber* fis-16 ta' Frar 2015, fejn il-Qorti Ewropea ddeċediet billi marret kontra s-sentenza ta' **Kafkaris** u sabet li l-maħfra presidenzjali ma tissodisfax l-kriterji ta' rivedibilita`. F'dan il-każ il-Qorti Ewropea saħqet li jrid ikun hemm mekkaniżmu ċar ta' rivedibilita` lil hinn mill-maħfra presidenzjali.

**27.** Permezz tat-tielet aggravju tiegħu, l-attur appellant jirritjeni li l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta ddeċidiet li l-maħfra presidenzjali tipprovdi mekkaniżmu adekwat għar-reviżjoni tas-sentenza ta' għomor il-ħabs u jsostni illi taħt l-Artikolu 93 tal-Kostituzzjoni l-maħfra presidenzjali hija minnha nnifisha arbitrarja u diskrezzjonali u in kwantu prerogattiva tal-President ma tirrispettax l-iStat ta' Dritt u l-eżerċizzju tagħha ma jirrikjedix li jiġu segwiti l-prinċipji tal-ġustizzja naturali.

**28.** Minn naħa tiegħu, għar-rigward ta' dan l-aggravju, il-konvenut appellat jgħid, fost sottomissjonijiet oħra, li l-prinċipju ta' "*prospect of release*" ma jirrikjedix limitatament u esklussivament il-prospett ta' rilaxx fis-sens ta' "*remission or termination*" iżda, kif osserva l-*Grand Chamber*

f'*Kafkaris*, jipprospetta wkoll rilaxx temporanju li l-*Grand Chamber* jirreferi għalih bħala "*release on licence*" jew kif jissejjaħ Malta "*prison leave*". Għaldaqstant, piena ta' għomor il-ħabs ma tiġix ikkonsidrata li hija inkompatibbli mal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea meta dik il-persuna għandha l-possibilita` li titħalla toħroġ mill-ħabs fuq *prison leave*, kif inhu l-każ hawn Malta.[8]

**29.** Jgħid ukoll li minn barra l-possibilita` ta' *prison leave* hemm ukoll il-possibilita` ta' maħfra mill-President ta' Malta sanċita fl-Artikolu 93 tal-Kostituzzjoni ta' Malta[9] u għalhekk fir-realta' sentenza ta' għomor il-ħabs hija riduċibbli għaliex persuna tista' b'hekk tiġi rilaxxata mingħajr ma sservi għomorha fil-ħabs; b'dana kollu l-appellant ma ġab ebda prova li pprova jużufruwixxi minn din il-possibilita` ta' maħfra.

<u>*Apprezzament ta' din il-Qorti*</u>

**30.** Fil-każ ta' **BverfG, 2 BvR 2299/09** il-Qorti Federali Kostituzzjonali Ġermaniża ddeċidiet illi l-Qorti Ġermaniża kienet projbita milli testradixxi persuna lejn it-Turkija meta din kienet qed tirrinfaċċa sentenza ta' għomor il-ħabs fit-Turkija. Naturalment ma humiex is-sentenzi tal-Qorti Federali Kostituzzjonali Ġermaniża li jistabilixxu l-istandards

[8] Skont il-konvenut appellat, dan il-fatt ġie ikkonfermat mid-Deputat Kummissarju Raymond Żammit waqt is-seduta tas-27 ta' Mejju 2014 fejn ġie spjegat illi l-"*prison leave*" jista' jieħu diversi forom u hemm raġunijiet u okkażżjonijiet multipli għaliex dan jista' jingħata.
[9] Skont il-konvenut appellat, din is-sistema hija simili għal dik ta' Ċipru li ġiet analizzata mill-*Grand Chamber* u li nstabet li hija konformi ma' dak li jipprovdi l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea fis-sentenza tagħha f'Kafkaris.

internazzjonali tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem iżda ċertament id-deċiżjonjiet ta' Qorti ta' dik l-istatura ma jistgħux ma jkollhomx forza persważiva konsiderevoli u għalhekk din il-Qorti ser tagħti konsiderazzjoni xierqa lil dik is-sentenza.

**31.** Qabel ma waslet għall-konklużjoni tagħha, il-Qorti Federali Kostituzzjonali Ġermaniża kkonsidrat, fost affarijiet oħra, li l-President tat-Turkija seta' jirrevedi sentenzi għal għomor ħabs f'ċertu każijiet limitati biss, fosthom fil-każ ta' mard kroniku, diżabilita` jew eta' kbira, u kienet tal-fehma li t-talba ta' estradizzjoni lejn it-Turkija ma kellhiex tintlaqa' minħabba l-fatt li l-maħfra presidenzjali fit-Turkija ma kenitx toffri prospett adegwat ta' rilaxx u konsegwentement kienet insuffiċjenti sabiex isservi bħala mekkaniżmu ta' reviżjoni tas-sentenza ta' għomor il-ħabs.

**32.** Ta' min josserva li l-Qorti ta' Strasburgu għamlet referenza għall-każ ta' **BverfG, 2 BvR 2299/09** fil-każ li kellha quddiemha ta' **Vinter and Others v. The United Kingdom** fejn il-Qorti Ewropea pprovdiet is-segwenti:

> "*71. In its decision of 16 January 2010, the Federal Constitutional Court considered an extradition case where the offender faced "aggravated life imprisonment until death" (erschwerte lebenslängliche Freiheitsstrafe bis zum Tod) in Turkey. The German government had sought assurances that he would be considered for release and had received the reply that the President of Turkey had the power to remit sentences on grounds of chronic illness, disability, or old age. The court refused to allow extradition, finding that this power of release*

*offered only a vague hope of release and was thus insufficient. Notwithstanding the need to respect foreign legal orders, if someone had no practical prospect of release such a sentence would be cruel and degrading (grausam und erniedrigend) and would infringe the requirements of human dignity provided for in Article 1*".[10]

**33.** Din il-Qorti hija tal-fehma illi s-sentenza fl-ismijiet **BverfG, 2 BvR 2299/09** mhijiex daqshekk rilevanti għall-fattispeċie tal-każ quddiem din il-Qorti u dan minħabba l-fatt li ċ-ċirkostanzi f'dak il-każ huma differenti minn dawk tal-każ tal-lum. Fis-sistema legali tagħna, senjatament fl-Artikolu 93(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, ma jeżistu l-ebda limitazzjonijiet bħal ma jeżistu fis-sistema legali Turkija fuq is-setgħa tal-President ta' Malta biex tagħti l-maħfra presidenzjali. Bil-kuntrarju, l-Artikolu 93(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta huwa wiesgħa ħafna u ma jipprovdi għall-ebda restrizzjonijiet fuq il-President ta' Malta dwar iċ-ċirkostanzi li għandha tikkonsidra qabel ma tasal għad-deċiżjoni tagħha takkordax il-maħfra jew le.

**34.** In kwantu għall-Qorti Ewropea fi Strassburgu s-sentenza ta' dik il-Qorti fil-każ **Kafkaris** deċiża mill-*Grand Chamber* fit-12 ta' Frar 2008 ġiet segwita bis-sentenza tagħha fil-każ **Vinter and others** deċiża mill-*Grand Chamber* fid-9 ta' Lulju 2013. Segwew is-sentenzi ta' **László Magyar v. Hungary** deċiża fl-20 ta' Mejju 2014 u dik fil-każ **Trabelsi** deċiż fl-4 ta' Settembru 2014 li rriaffermaw l-insenjament fil-każ **Vinter and others**. L-istess insenjament ġie ribadit bis-sentenza tal-Qort ta'

[10] ECHR **Vinter and Others v. The United Kingdom**, 9/7/2013

Strasburgu tat-13 ta' Novembru 2014 fil-każ **Bodein v. France**[11] fejn il-Qorti, wara li eżaminat il-mekkaniżmu ta' reviżjoni maħsub fid-Dritt Franċiż waslet għall-konklużjoni li għall-finijiet tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni l-piena ta' priġunerija għall-għomor fis-sistema Franċiż kienet waħda riduċibbli. Aktar riċentment kien hemm ukoll is-sentenza tat-3 ta' Frar 2015[12] fil-każ **Hutchinson v. The United Kingdom** li għalkemm ma ddipartietx mill-prinċipji stabbiliti fil-każ *Vinter and others* waslet għal konklużjoni diversa biss minħabba li fil-frattemp il-liġi Ingliża li dwarha l-Qorti kienet esprimiet dubbju fil-każ **Vinter and others** kienet ġiet kjarfikata mill Qorti tal-Appell Ingliża.

**35.** Fil-każ ta' **Trabelsi v. Belgium** waħda mill-kwistjonijiet prinċipali li l-Qorti Ewropea ġiet mitluba tiddetermina kienet jekk il-mezzi ta' reviżjoni ta' sentenzi ta' għomor il-ħabs taħt il-liġi Amerikana jipprovdux mekkaniżmu ċar ta' rivedibilita` kompatibbli mal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea jew le. F'dik is-sentenza l-Qorti Ewropea, fil-fatt, iddeskriviet din il-kwistjoni b'dan il-mod:

> "*136. The Court now comes to the central issue in the present case, which involves establishing whether, over and above the assurances provided, the provisions of US legislation governing the possibilities for reduction of life sentences and Presidential pardons fulfil the criteria which it has laid down for assessing the reducibility of a life sentence and its conformity with Article 3 of the Convention*".[13]

---

[11] Ara #53 - #56
[12] Li tinsab pendenti fil-*Grand Chamber*
[13] 4/9/2014

**36.** F'dan ir-rigward, l-istess Qorti Ewropea fl-istess sentenza rriteniet kif ġej:

> "*137. No lengthy disquisitions are required to answer this question: the Court needs simply note that while the said provisions point to the existence of a "prospect of release" within the meaning of the Kafkaris judgment – even if doubts might be expressed as to the reality of such a prospect in practice – none of the procedures provided for amounts to <u>a review mechanism requiring the national authorities to ascertain, on the basis of objective, pre-established criteria of which the prisoner had precise cognisance at the time of imposition of the life sentence, whether, while serving his sentence, the prisoner has changed and progressed to such an extent that continued detention can no longer be justified on legitimate penological grounds</u> (see paragraph 115 above)*
>
> "*138. <u>Under these conditions, the Court considers that the life sentence liable to be imposed on the applicant cannot be described as reducible</u> for the purposes of Article 3 of the Convention within the meaning of the Vinter and Others judgment. By exposing the applicant to the risk of treatment contrary to this provision the Government engaged the respondent State's responsibility under the Convention.*
>
> "*139. The Court accordingly concludes that the applicant's extradition to the United States of America amounted to a violation of Article 3 of the Convention*". *[enfasi ta' din il-Qorti]*

**37.** Għaldaqstant, fil-fehma tal-Qorti Ewropea l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni jiddetta li għandu jkun hemm mekkaniżmu ta' reviżjoni li jesiġi minn għand l-awtoritajiet kompetenti domestiċi li jaċċertaw ruħhom, fuq l-iskorta ta' kriterji oġġettivi stabiliti minn qabel u li l-persuna kkundannata għal għomorha l-ħabs tkun ġiet mgħarrfa bihom meta ġiet imposta s-sentenza għall-għomor, jekk matul l-eżekuzzjoni tas-sentenza seħħewx bidliet sinjifikanti tali fil-persuna kkundannata għal priġunerija għal għomorha u seħħx fih progress tali lejn ir-rijabilitazzjoni li l-kontinwazzjoni tad-detenzjoni ma tkunx aktar ġustifikabbli a bażi ta'

konsiderazzjonijiet leġittimi penoloġiċi. Fin-nuqqas ta’ tali mekkaniżmu, anke jekk tkun teżisti l-prospettiva ta’ rilaxx, is-sentenza għall-għomor ma tkunx tista’ titqies bħala riduċibbli għall-għanijiet tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Inoltre, filwaqt li ġie ritenut li ma kienx il-kompitu tal-Qorti li tiddetermina meta kellha ssir ir-reviżjoni tal-piena ta’ priġunerija għall-għomor il-Qorti osservat li l-materjal ta’ dritt komparat u dritt internazzjonali quddiemha kien jindika li tali reviżjoni kellha ssir fi żmien mhux aktar tard minn ħamsa u għoxrin sena mill-impożizzjoni tas-sentenza għall-għomor b’dan li din ir-reviżjoni għandha tiġi segwita b’reviżjonijiet perjodiċi ulterjuri.[14]

*Il-prerogattiva tal-maħfra u l-“prison leave” f’Malta*

**38.** Fis-sistema legali tagħna, priġunier li jkun qiegħed jiskonta sentenza ta’ għomor il-ħabs jista’ jew jagħmel talba għall-maħfra presidenzjali lill-President ta’ Malta jew inkella jagħmel talba għal “*prison leave*”.

*<u>Il-prerogattiva tal-maħfra</u>*

**39.** Il-prerogattiva tal-maħfra hi previst fl-Artikolu 93 (1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta li jipprovdi kif ġej:

[14] **Vinter and others,** #120; **Bodein v. France**, #55

"*93. (1) Il-President ikollu s-setgħa li –*

"*(a) jagħti lil xi persuna li jkollha x'taqsam fi jew tkun ġiet misjuba ħatja ta' xi reat maħfra, sew ħielsa jew suġġetta għal kondizzjonijiet skont il-liġi;*

"*(b) jagħti lil xi persuna sospensjoni, sew indefinita jew għal perijodu speċifikat, dwar l-esekuzzjoni ta' xi kundanna mogħtija lil dik il-persuna għal xi reat;*

"*(ċ) jissostitwixxi forma ta' piena anqas ħarxa minflok xi piena imposta fuq xi persuna għal xi reat; jew*

"*(d) jaħfer fl-intier tagħha jew f'parti minnha kull kundanna mogħtija lil xi persuna għal reat jew għal xi penali jew konfiska li xort'oħra tkun dovuta lill-Istat minħabba f'xi reat*".

**40.** Jirriżulta manifest, għalhekk, li dan l-artikolu ma jsemmi l-ebda kriterji oġġettivi li jridu jiġu kunsidrati mill-President ta' Malta qabel ma tiddeċiedi jekk għandhiex tilqa' talba għall-maħfra mill-persuna li qed tiskonta sentenza ta' għomorha l-ħabs. Għalhekk dan il-poter mogħti lill-President ta' Malta huwa wieħed għal kollox diskrezzjonali u inċert.

**41.** Konsegwentement, is-sistema tal-maħfra presidenzjali hawn Malta ma tipprovdix mekkaniżmu adekwat għar-reviżjoni tas-sentenza ta' għomor il-ħabs kif inhu meħtieġ sabiex din tkun tista' titqies riduċibbli u mhux leżiva tal-Artikoli 3 tal-Konvenzjoni u 36 tal-Kostituzzjoni. Dan kollu jfisser illi persuna li tkun qed tiskonta sentenza ta' għomorha l-ħabs preżentement m'hijiex f'pożizzjoni li meta tingħata s-sentenza ta' għomor tkun taf x'għandha tagħmel sabiex ikollha l-possibilita` li l-piena tagħha tiġi riveduta permezz tal-maħfra presidenzjali. Id-deċiżjoni dwar jekk għandhiex tingħata l-maħfra presidenzjali hija biss f'idejn il-

President ta' Malta wara din tkun ikkonsultat mal-Kabinett. Ma jeżistu l-ebda kriterji fil-liġi biex jiggwidaw lill-President fid-deċiżjoni tagħha. Anqas ma nġiebet xi prova li l-piena ta' għomor il-ħabs hija riduċibbli *de facto* permezz tas-sistema tal-maħfra presidenzjali.

*Il-"Prison Leave"*

**42.** Fir-risposta tal-appell tiegħu l-konvenut appellat jirreferi għas-sentenza ta' **Kafkaris** u jargumenta illi "*piena ta' għomor il-ħabs ma tiġix ikkunsidrata li hija inkompatibbli mal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea meta dik il-persuna għandha l-possibilita` li titħalla toħroġ mill-ħabs fuq prison leave*".[15]

**43.** Huwa minnu li l-Qorti Ewropea fis-sentenzi tagħha tirrikonoxxi illi sentenzi ta' għomor il-ħabs jistgħu jiġu kkonsidrati bħala "*riduċibbli*" ai termini tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea jekk priġunier ikun mogħti l-opportunita' biex japplika għar-"*release on licence*".[16]

**44.** Madankollu, mid-dokument intitolat "*Ministerial General Directions for the Grand of Prison Leave in terms of Regulation 61 of the Prison Regulations (SL 260.03)*" li jinsab a fol. 42 *et seq* tal-proċess u li

[15] Paġna 4 tar-risposta tal-appell tal-konvenut appellat;

[16] Ara wkoll ECHR **Leger v France**, 11/4/2006, #92. Din is-sentenza ġiet riferuta lill-*Grand Chamber* li, iżda, peress illi l-priġunier in kwistjoni miet fit-18 ta' Lulju 2008 u l-persuna li ntavolat ir-referenza ma wrietx illi kienet eredi tal-priġunier, '*close relative*,' jew li kellha interess ġuridiku fil-każ in kwistjoni, fiċ-ċirkostanzi tal-każ ma ħassietx illi kellha tkompli tisma' il-każ.

jirregola l-"*prison leave*" jirriżulta biċ-ċar illi taħt l-istess direzzjonijiet il-"*prison leave*" jista' jingħata biss f'ċertu ċirkostanzi limitati u jekk jiġu sodisfatti numru ta' kondizzjonijiet.

**45.** Minn dawn id-direzzjonijiet Ministerjali jirriżulta li l-maġġoranza kbira taċ-ċirkostanzi fejn jista' jingħata l-"*prison leave*" m'humiex fil-kontroll tal-priġunier iżda huma marbutin ma' ċirkostanzi li l-priġunier m'għandu l-ebda kontroll fuqhom u li jridu neċessarjament jimmaterjalizzaw sabiex il-priġunier ikun eliġibbli għall-"*prison leave*". Dawn iċ-ċirkostanzi jinkludu, fost oħrajn, it-twelid ta' neputijiet tal-priġunier, l-okkażjoni taż-żwieġ tat-tfal tal-priġunier, il-mewt ta' membru tal-familja tal-priġunier, meta familjari tal-priġunier ikunu morda serjament, meta l-priġunier ikollu problema ta' droga jew vizzji simili oħrajn. Il-kondizzjonijiet li jridu jiġu sodisfatti sabiex priġunier jingħata l-"*prison leave*" fil-maġġoranza tagħhom, għalhekk, m'humiex ibbażati fuq il-kondotta tal-priġunier iżda huma marbutin ma' ċirkostanzi oħra li l-priġunier m'għandu l-ebda kontroll fuqhom.

**46.** Skont l-istess direzzjonijiet, hemm ċertu tipi ta' "*prison leave*" li priġunieri kundannati għal sentenza ta' għomorhom il-ħabs m'humiex eliġibbli għalihom, bħal "*sports and cultural activities leave*" u "*community work leave*".

**47.** Id-direzzjonijiet imsemmija jipprovdu sabiex persuni li japplikaw għal *prison leave* jiġu valutati mill-*Prison Leave Advisory Board* fuq il-bażi tal-imġieba tajba fil-ħabs, ir-rieda li jaħdmu, jirċievu taħriġ u jattendu klassijiet ta' edukazzjoni, progress sodisfaċenti fil-kors tagħhom ta' trattament u l-livell ta' perikolożita` tagħhom għas-soċjeta` u l-*Board* jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lid-Direttur tal-Ħabs dwar kemm l-applikant huwa adattat għal-leave in kwistjoni.

**48.** Skont direzzjoni numru tnax, iżda, fil-każ ta' priġunieri li qegħdin jiskontaw sentenza ta' għomorhom il-ħabs, dawn mhux biss iridu jkunu eliġibbli għat-tip partikolari ta' "*prison leave*", mhux biss iridu jissodisfaw l-kriterji neċessarji kkontemplati fl-istess direzzjonijiet, u mhux biss iridu jiksbu l-kunsens tad-Direttur għall-"*prison leave*" iżda jridu, addizzjonalment, jiksbu l-kunsens speċifiku tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru rispettiv sabiex jagħti l-kunsens tiegħu għall-"*prison leave*" in kwistjoni. Is-Segretarju Permanenti msemmi ma jidhirx li huwa obbligat li jimxi skont il-kriterji stabbiliti fl-istess direzzjonijiet li d-Direttur tal-Ħabs huwa obbligat li jikkonsidra qabel ma jasal għad-deċiżjoni tiegħu dwar jekk il-priġunier għandux jingħata l-"*prison leave*" jew le. Jidher, għalhekk, li dan il-poter mogħti lis-Segretarju Permanenti huwa wieħed diskrezzjonali u arbitrarju.

**49.** Skont direzzjoni numru tlettax, priġunieri li ma jingħatawx il-"*prison leave*" - jew għax ma jkunux eliġibbli għalih jew inkella għax jiġu meqjusa mhux addattati għalih - jistgħu, f'ċirkostanzi speċjali u wara li l-każ tagħhom jiġi mid-Direttur sottomess lis-Segretarju Permanenti, jiġu akkordati *prison leave* mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru fuq il-parir tal-*Prison Leave Advisory Board* u r-rakkomandazzjoni tad-Direttur. Ma jidhirx li s-Segretarju Permanenti u l-*Prison Leave Advisory Board* huma obbligati li jikkunsidraw xi kriterji kkontemplati fl-istess direzzjonijiet qabel ma jaslu għad-deċiżjoni tagħhom.

**50.** Sabiex sentenza għall-għomor tkun kompatibbli mal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u mal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jeħtieġ li jkun hemm prospett ta' rilaxx <u>kif ukoll</u> possibilita` ta' reviżjoni tas-sentenza.[17]

**51.** Għar-raġunijiet fuq mogħtija, kemm id-dispożizzjonijiet dwar *prison leave* kif ukoll il-prerogattiva ta' maħfra presidenzjali ma jissodisfawx ir-rekwiżiti meħtieġa sabiex jikkwalifikaw bħala mekkaniżmu ta' reviżjoni ta' sentenza għall-għomor li permezz tiegħu jkun jista' jiġi stabbilit, fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u li jkunu magħrufa mill-priġunieri meta jiġu biex jiskontaw is-sentenza tagħhom, jekk seħħewx bidliet sinjifikanti tali fil-persuna kkundannata u seħħx fiha progress tali lejn ir-rijabilitazzjoni b'tali mod illi d-detenzjoni tagħhom ma tibqax ġustifikata jew inkella li l-piena tagħhom għandha tiġi ridotta.

[17] ECHR *Grand Chamber,* **Vinter and others**, # 110; *Trabelsi* # 137;

**52.** Għalhekk din il-Qorti ssib fondati t-tieni u t-tielet aggravju tal-appellant u qed tilqagħhom u ssib li bis-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mosbah Mohsen Ben Brahim u Ben Ali Wahid Ben Hassine** tal-21 ta' Frar 1992 ġie leż fil-konfront tal-appellant id-dritt sanċit bl-Artikoli 3 tal-Konvenzjoni u bl-Artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni.

**Decide**

Għaldaqstant il-Qorti tilqa' l-appell u tħassar is-sentenza appellata u tipprovdi kif ġej:

(a) tiddikjara s-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mosbah Mohsen Ben Brahim u Ben Ali Wahid Ben Hassine** tal-21 ta' Frar 1992 leżiva tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent appellant mħarsa bl-Artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;

(b) tordna li jekk sa żmien erba' xhur mid-data ta' din is-sentenza ma jiġix stabbilit mekkaniżmu li jipprovdi għar-reviżjoni u possibbli riduzzjoni tas-sentenza għall-piena ta' priġunerija għall-għomor imposta mill-Qorti Kriminali bis-sentenza fuq imsemmija u li jkun konformi ma' dak previst

f'din is-sentenza dan l-appell ikun riappuntabbli fuq talba tal-parti interessata sabiex din il-Qorti tipprovdi ulterjorment jekk ikun il-każ.

L-ispejjeż tal-ewwel istanza għandhom jitħallsu mill-appellat Avukat Ġenerali filwaqt li dawk tat-tieni istanza għandhom jitħallsu nofshom mill-attur appellant u n-nofs l-ieħor mill-konvenut appellat.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb